

# Il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju 1914 - 2014

*Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.*

Wara ċ-Ċentinarju tal-Parroċċa u tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament fl-2013, din is-sena, fil-parroċċa tagħna qed infakkru għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. F'Malta, id-devozzjoni lejn dan it-titlu hija antika ferm tant illi kważi f'kull parroċċa, ġeneralment quddiem l-istandard aħmar tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament, tilmaħ wieħed abjad illi juri l-parteċipazzjoni tal-imseħbin tal-fratellanza Riżorjanta. Jekk inżommu f'moħħna t-tradizzjoni li l-fratellanzi jimxu *by seniority*, jiġifieri l-ewwel li timxi tkun dik illi twaqqfet l-aħħar f'dik il-parroċċa, il-fratellanzi Riżorjanti jimxu ġeneralment lura, u dan jixhed kemm huma antiki fit-twaqqif tagħhom, tant illi bosta minnhom jafu twelidhom fis-seklu 16.

**L-Oriġini tad-Devozzjoni Riżorjanta**

L-Ordni tal-Predikaturi, jiġifieri l-Ordni Dumnikan iqim b'devozzjoni speċjali lill-Madonna taħt dan it-titlu. B'parentesi ċkejkna, bosta ordnijiet għandhom devozzjoni lejn xi titlu jew domma tal-Madonna, pereżempju l-Ordnijiet Franġiskani jqimu aktar lill-Immakulata Kunċizzjoni u dak Agostinjan iqim lill-Madonna taħt it-titlu bħala s-Sultana tal-Faraġ, jew kif nafuha iktar bħala l-Madonna taċ-Ċintura, u jiċċelebra b'solennità l-festa tagħha nhar l-4 ta' Settembru. Iżda, lura għar-rabta tal-Ordni Dumnikan mal-festa tar-Rużarju. Jingħad illi darba, San Duminku, illi l-festa tiegħu titfakkar dalwaqt, nhar it-8 t'Awwissu, talab lill-Madonna minħabba setta li fi Franza kienet qed ixxerred bosta ereżiji. Waqt dehra mill-Madonna ntalab sabiex bħala tpattija għal dak illi kienu qegħdin ixerrdu kien jeħtieġ illi jgħid u jgħallem lin-nies jgħidu t-talba tar-Rużarju Mqaddes. Huwa ppubblika wkoll din it-talba.

Barra minn hekk, il-Kavallieri ta' San Ġwann, illi fl-1571 kienu diġà jaħkmu f'pajjiżna, ingħaqdu ma' Imperi Ewropej sabiex jerġgħu jiġġieldu kontra t-Torok f'dik illi baqgħet magħrufa bħala l-Battalja ta' Lepanto. B'hekk kien hemm replika ta' dak illi seħħ sitt snin qabel fl-Assedju l-Kbir ta' Malta. Il-Battalja ta' Lepanto seħħet fl-ewwel Ħadd t'Ottubru. Il-Papa ta' dak iż-żmien kien jaf bl-importanza ta' dik il-battalja, u l-Konfraternità tar-Rużarju ta' Ruma għamlet purċissjoni b'talb għar-rebħa tal-battalja, u fiha ngħad ir-Rużarju. Bħalma seħħ f'Malta fl-1565 hekk ġara issa wkoll, u l-Kristjani, immexxija mill-Kavallieri ħarġu rebbieħa fuq il-qawwiet Misilmin immexxija mit-Torok. Il-Papa Piju V ordna li ta' kull sena, fl-Ewwel Ħadd t'Ottubru, titfakkar ir-rebħa tal-Battalja ta' Lepanto li seħħet bl-interċessjoni tal-Madonna taħt it-titlu tar-Rużarju.

**Waslet f'Malta**

Lejn tmiem is-seklu 16 u l-bidu tas-seklu 17, bosta parroċċi tradizzjonali f'Malta bdew iwaqqfu l-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Bosta minnhom kellhom diġà l-fratellanza tas-Santissimu Sagrament imwaqqfa, u b'hekk, din il-fratellanza kienet tkun it-tieni waħda li titwaqqaf. Hekk insemmu, pereżempju Bir Miftuħ, illi l-fratellanza Riżorjanta twaqqfet fl-1588. Ftit wara twaqqfet ukoll l-istess fratellanza fiż-żewġ parroċċi Katarinjani: iż-Żejtun u ż-Żurrieq. Hekk seħħ ukoll fl-irħula li bdew jinqatgħu parroċċi awtonomi minn Bir Miftuħ, bħal Ħal Safi u Ħal Għaxaq. F'Birżebbuġa, dak iż-żmien kulma kien hawn raba', xagħri, xi bini antik, bħall-kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri u xi rziezet, illi bosta nies mill-imsemmija postijiet kienu qed jibnu f'Birżebbuġa. Fl-1897, ir-raħal ġar tagħna, Marsaxlokk inqata' parroċċa għalih taħt il-patroċinju tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompej. B'hekk, Birżebbuġa, is-subborg tal-villeġjanti u s-sajjieda ġie mdawwar totalment b'irħula li kellhom ħafna devozzjoni lejn is-Sultana tar-Rużarju.

**F'Birżebbuġa**

Lejn tmiem is-seklu 19, fi Triq Birżebbuġa twaqqfet niċċa b'dedika lill-Madonna tar-Rużarju. Tnejn oħra bl-istess titlu jinsabu fi Triq il-Professur Anton Tabone u oħra f'Misraħ is-Summit, fejn kien hemm il-venda tal-karozza tal-linja. Dan minbarra bosta niċeċ oħra iddedikati lill-Madonna, antiki kultant iktar mill-maġġoranza tal-bini li għandna fir-raħal tagħna, sinjal illi f'dawn in-naħat, il-kult Marjan dejjem kien preżenti.

**It-Twaqqif tal-Fratellanza**

Hekk kif Birżebbuġa saret parroċċa fid-9 ta' Settembru 1913 taħt it-titlu Marjan ta' Marija Addolorata, il-kappillan Dun Karm Bugelli ressaq rikors fil-kurja sabiex titwaqqaf il-fratellanza tar-Rużarju, rikors illi ntlaqa' fid-29 t'Ottubru 1913.

Jumejn wara l-fratellanza ġiet approvata mill-Provinċjal tal-patrijiet Dumnikani. Madankollu, l-Isqof Pietru Pace ried illi qabel titwaqqaf il-fratellanza Riżorjanta, titwaqqaf il-fratellanza titulari, dik tas-Santissimu Sagrament. Għalhekk, il-kappillan Bugelli kiteb rikors sabiex titwaqqaf il-fratellanza tas-Sagrament nhar l-4 ta' Novembru 1913, rikors illi ntlaqa' fit-28 tal-istess xahar u sena. B'hekk, il-fratellanza Riżorjanta setgħet titwaqqaf, ħaġa li seħħet fl-4 ta' Jannar 1914, u għalhekk mitt sena ilu. L-ewwel rettur tal-fratellanza kien il-kappillan Dun Karm Bugelli.

Meta t-titular, fl-1937 inbidel minn Marija Addolorata għall-Appostlu San Pietru, id-devozzjoni lejn ir-Rużarju naqset ferm, imma fl-1961, il-fratellanza twaqqfet mill-ġdid. Fost ir-residenti li qdew l-uffiċju ta' rettur tal-fratellanza Riżorjanta hemm Leli Polidano u Ċikku Schembri, illi kien ukoll is-sagristan tal-knisja. Ċikku ħalla dan il-wied ta' dmugħ fis-snin 90 tas-seklu 20. Preżentament, ir-rettur huwa l-Perit Michael Schembri. Il-fratellanza tipparteċipa f'bosta purċissjonijiet matul is-sena liturġika, fosthom il-purċissjoni tal-Ġisem u D-Demm tal-Mulej, il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu', il-festa titulari tal-Appostlu Missierna San Pietru u l-festa tal-fratellanza, nhar l-Ewwel Ħadd t'Ottubru. Kull darba tipparteċipa flimkien mal-fratellanza l-antika, dik tas-Santissimu Sagrament.

**Vara Proċessjonali**

Fil-parroċċa hemm ukoll l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, illi tinsab fin-niċċa tan-naħa tax-xellug tal-bieb il-kbir tal-knisja parrokjali, niċċa li sas-snin tmenin kienet okkupata mill-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pietru. L-istatwa hija opra oħra minn idejn l-iskultur Ferdinando Stuflesser u saret fi żmien il-parrokat tal-mibki Monsinjur Ġużeppi Minuti. Din l-istatwa ħarġet mill-istess fabbrika li tinsab f'Ortisei, parti mill-provinċja ta' Bolzano fl-Italja ta' Fuq, u li minnha għall-parroċċa tagħna ħarġu l-Via Sagra, l-istatwa titulari u dik tal-Patrijarka San Ġużepp. Taħt l-istatwa hemm pedestall illi ġera mhux ħażin taħt statwi sakemm sab ruħu taħt din l-istatwa. Oriġinarjament kien jinsab f'Bormla, imbagħad kien il-pedestall tal-istatwa titulari ta' Santa Marija fil-Gudja, fl-1932 wasal Birżebbuġa u ntrama taħt l-istatwa titulari ta' Marija Addolorata, illi aktar tard sarilha pedestall tal-injam, u fl-1947 beda jintrama taħt l-istatwa ta' San Pietru *ż-żgħir*, illi llum ukoll għandu pedestall tal-injam. Meta waslet l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, il-pedestall tpoġġa taħtha. Din l-istatwa tinħareġ proċessjonalment kull l-Ewwel Ħadd t'Ottubru, u tagħmel ix-xahar t'Ottubru kollu, bħala x-xahar tar-Rużarju armata fil-knisja parrokjali. Barra minn hekk, nhar it-8 ta' Mejju, il-festa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei, issir quddiesa fil-11.30 ta' filgħodu, segwita mis-Supplika tal-Madonna li tingħad fuq l-altar tagħha, u kollox jintemm bil-Barka Sagramentali.




*Il-Vara Proċessjonali tal-Madonna tar-Rużarju – Birżebbuġa*

**Xi Opri Artistiċi**

L-altar tal-Madonna tar-Rużarju sar fl-1938 u jinsab fil-kappellun tan-naħa tax-xellug. Fil-prospettiva hemm il-pittura tal-Madonna ta' Pompei li tpittret minn E. Coccoli fl-Italja. Mal-ġenb ta' dan il-kwadru hemm żewġ pitturi oħra, waħda ta' San Ġużepp u l-oħra tal-Anġlu Kustodju. Ir-Relikwarju tal-fidda kien inġieb mill-kappella ta' San Ġużepp illi tinsab fil-bajja ta' San Ġorġ. Tal-fidda wkoll hemm il-midaljun illi jintlibes mir-rettur tal-fratellanza waqt il-purċissjonijiet illi tipparteċipa fihom l-istess fratellanza. Fl-1988 iżżanżan il-ventaltar tar-rakkmu u għadu sal-lum jintrama fuq dan l-altar darbtejn fis-sena: fil-festa titulari tal-Appostlu Missierna San Pietru u fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju nhar l-Ewwel Ħadd t'Ottubru. Fl-istess żewġ okkażjonijiet tintrama wkoll it-terħa tal-bellus irrakkmata bil-ħajt tad-deheb. Matul ix-xahar t'Ottubru tintrama ġirandola fuq l-altar maġġur minħabba li ta' kuljum jiġi espost Ġesu' Sagramentat għar-Rużarju Immeditat. Din kienet inġiebet mill-Bażilika ta' San Ġorġ Martri tar-Rabat Għawdex, fejn kienet tintuża kull l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Din il-ġirandola, illi b'mod komdu nsejħulha *ġilandra*, inġiebet f'Novembru 1964, ftit wara li l-parroċċa Ġorġjana Għawdxija saret Bażilika, u b'hekk tneħħa l-altar maġġur sabiex saret it-tribuna bażilikari. Inġiebet ma' ġirandola oħra għall-Kwaranturi u żewġ tużelli, wieħed għal kuljum u l-ieħor għall-festa titulari. Lejn tmiem is-seklu 20 sar ukoll il-bankun tal-fratelli sabiex fih jintramaw is-salib, is-surġentina u l-lanterni, kif ukoll il-bank tal-forċini. Il-fratellanza tippossjedi wkoll żewġ standardi, it-tnejn bojod, bl-aħħar wieħed, il-prim, iżżanżan fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju, madwar għaxar snin ilu. Sar ukoll mant b'wegħda lill-Madonna ta' Lourdes fl-1974 minn Nikola Balzan. Il-fratellanza Riżorjanta ftiehmet ma' Balzan sabiex il-fratellanza tagħmel mant għall-Madonna ta' Lourdes, u l-mant illi kien għamel hu jintrama fuq l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, ħaġa li saret għall-ewwel darba fl-1990. Is-sena l-oħra, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa, taħt dan il-mant intramat ukoll l-istatwa ta' Marija Addolorata, peress illi nħarġet proċessjonalment f'Settembru, sabiex titfakkar bħala l-ewwel festa

titulari tal-parroċċa tagħna.

**Tmiem**

Fit-talba tiegħu, San Bernard jgħid lil Ommna Marija "qatt ma nstema' li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek, jew talbek l-għajnuna u inti ma smajtux". Ommna Marija, hu liema hu t-titlu jew id-domma li tagħha aħna devoti, tkun hemm, għalina l-ħin kollu sabiex tismagħna, tifhimna u tfarraġna, bħal dik l-omm għażiża li tindokrana bħala wliedha. Dmirna huwa li nitolbuha u nxerrdu d-devozzjoni lejha. Nittama li dan l-artiklu sibtuh interessanti u filwaqt illi nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom matul dawn il-mitt sena ta' tixrid ta' devozzjoni Marjana f'raħalna, nixtieq il-festa t-tajba lill-Birżebbuġjani kollha fi spirtu ta' mħabba u rispett lejn xulxin taħt il-patroċinju waħdieni tal-Appostlu Missierna San Pietru.


Referenzi:
www.sanpietru.wordpress.com
D'Amato C.; *Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'Birżebbuġa*; ktieb tal-festa titulari 2000, ippubblikat mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990





*L-altar laterali ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, armat għall-festa, nhar l-Ewwel Ħadd ta' Ottubru*


INSIEME Household Goods

**44E, Birzebbuga Road, Birzebbuga Mob: 9965 5586**

*Ħanut ġdid ġo Birżebbuġa (INSIEME)*
*għal dak kollu biex isebbaħ darek u affarijiet tal-bżonn fosthom:*
*Lożor, Xugamani, u ħafna affarijiet oħra.*

***Nixtiequ l-festa t-tajba lil kulħadd***




Dove's
Pet Shop
Triq 31 ta' Marzu, B'Bugia
Tel: 21 650 943